



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-10 ta' Mejju 2022

### Niċċarġjaw dritt 'il quddiem: il-missjoni tal-Ewropa li ssir l-aħjar produttur globali tal-batteriji tiġi eżaminata mill-awdituri tal-UE

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qed tnedi awditu biex tiskopri jekk il-Kummissjoni Ewropea żviluppatx, b'mod effettiv, katina tal-valur globalment kompetittiva u sostenibbli għall-batteriji fl-UE, u jekk il-proġetti appoġġati fl-Istati Membri mmassimizzawx l-impatt tal-finanzjament mill-UE. L-awditu qed jitwettaq fil-kuntest ta' żieda rapida fil-produzzjoni Ewropea tal-batteriji li hija mistennija sal-2025, u li l-UE ssir it-tieni l-akbar produttur tal-batteriji fid-dinja wara ċ-Ċina. Fil-previżjoni tal-lum, l-awdituri josservaw li żieda fil-produzzjoni sostenibbli tal-batteriji fl-UE mhux biss se tiffaċilita t-tranżizzjoni tal-UE lejn enerġija nadifa, iżda se tkun ukoll kruċjali għall-kompetittività tal-industrija tal-karozzi tagħha u biex tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq fornituri barranin tal-batteriji. L-UE se tiffaċċja wkoll kompitu ta' importanza kruċjali biex tiżgura l-materja prima.

*"Il-batteriji huma rilevanti ħafna għar-rwol tal-Ewropa bħala attur industrijali ewlieni u bħala mexxej fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, kif ukoll għall-awtonomija strateġika tagħha,"* qalet Annemie Turtelboom, il-Membru tal-QEA li se tmexxi l-awditu. *"Se nivvalutaw jekk l-azzjoni tal-UE hijex qed tippromwovi boom tal-batteriji fl-Ewropa u hijex qed tikkontribwixxi għal katina tal-valur kompetittiva u sostenibbli."*

Biex tikseb newtralità klimatika sal-2050, il-Kummissjoni ddeżinjat l-iżvilupp u l-produzzjoni sostenibbli tal-batteriji bħala imperattiv strateġiku għall-Ewropa u pprovdiet finanzjament sinifikanti għal dan il-qasam fi snin reċenti, li x'aktarx se jkompli fil-futur. Sal-2025, il-produzzjoni Ewropea tal-batteriji hija mistennija tiżdied bi kważi 10 darbiet meta mqabbla mal-2020, b'hekk minn 44 GWh (6 % tal-kapaċità globali) se tiżdied għal 400 GWh, u dan se jinvolvi 800 000 impjieg u jjiġġenera madwar EUR 250 biljun kull sena f'termini ta' attività ekonomika. Biex issostni tkabbir daqshekk rapidu, li huwa prinċipalment dovut għaż-żieda fid-domanda għal vetturi elettriċi, l-UE se teħtieġ tiżgura aċċess stabbli għall-materja prima. Madankollu, materjali kritiċi bħal-litju, il-kobalt u n-nikil ma jiġux prodotti fl-UE fi kwantitajiet suffiċjenti biex ikopru ż-żieda mistennija fid-domanda futura, u r-riskju ta' nuqqasijiet fil-kwantità, li ġie aggravat aktar mill-gwerra fl-Ukrajna, se jaffettwa wkoll b'mod avvers il-produzzjoni tal-batteriji fl-UE u l-awtonomija strateġika tagħha.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-previżjoni ta' awditu maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li hija disponibbli fuq [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu)

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu)

Il-Kummissjoni fittxet li tindirizza dawn ir-riskji billi tiffoka fuq l-akkwisti sostenibbli, id-diversifikazzjoni tal-provvista, u l-ktajjen tal-valur li jkunu reżiljenti. L-istimi inizjali juru li l-baġit tal-UE pprovda mill-inqas EUR 1.25 biljun f'għotjiet għal proġetti relatati mal-batteriji bejn l-2014 u l-2020, u EUR 500 miljun oħra bħala garanziji għal self. Il-programm ewlieni tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, Orizzont Ewropa, assenja EUR 925 miljun f'dan il-qasam għall-perjodu 2021-2027, u l-oġettivi intermedji u l-miri relatati mal-batteriji huma wkoll parti minn xi pjanijiet nazzjonali għar-reżiljenza u l-irkupru.

L-awdituri se jeżaminaw l-istrateġija u l-oġettivi tal-Kummissjoni għall-katina tal-valur tal-batteriji tal-UE u se jagħmlu kontroverifika tal-konsistenza tagħhom bi tqabbil ma' strateġiji usa' tal-UE dwar in-newtralità klimatika u l-mobbiltà sostenibbli. Se jeżaminaw ukoll jekk il-Kummissjoni għażlitx għodod adegwati u effettivi biex tintervieni fis-settur li fil-biċċa l-kbira huwa mmexxi mill-industrija, kif hija allokat il-finanzjament mill-UE lis-settur bejn l-2014 u l-2020, u x'riżultati nkisbu sa issa. Barra minn hekk, se jżuru l-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Polonja, l-Iżvezja (pajjiżi fejn qed jiġu implimentati proġetti relatati mal-batteriji, li jirċievu l-akbar ammonti ta' finanzjament mill-UE) u l-Portugall (il-pajjiż bl-akbar riżervi tal-litju magħrufa fl-Ewropa).

### Informazzjoni ġenerali

Fl-2018, madwar 3 % biss tal-kapaċità tal-produzzjoni globali taċ-ċelloli tal-batteriji tal-joni tal-litju – attwalment l-oġhla livell ta' żvilupp tekniku fil-vetturi elettriċi – kienet tinsab fl-UE. Għal finijiet ta' tqabbil, madwar 66 % kienu jinsabu fiċ-Ċina u 20 % fil-Korea t'Isfel, fil-Ġappun u f'pajjiżi Asjatiċi oħra. Il-katina tal-valur tal-batteriji tinkludi bosta stadji: mill-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' materja prima sal-manifattura u l-assemblaġġ taċ-ċelloli tal-batteriji kif ukoll ir-riċiklaġġ jew l-adattament tal-batteriji għal skop differenti. Fl-2018, il-Kummissjoni ppubblikat Pjan ta' Azzjoni Strateġiku dwar il-Batteriji, li stabbilixxa miżuri li jappoġġaw il-kostruzzjoni ta' katina tal-valur tal-batteriji fl-Ewropa. Fl-2020, dan ippropona li d-Direttiva tal-UE dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji mill-2006 – li għadha l-unika leġiżlazzjoni tal-UE ddedikata bis-siġħ għal dan is-suġġett – tiġi sostitwita b'Regolament, li attwalment jinsab fil-proċess li jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

Il-Previżjoni ta' Awditu 02/2022, "Becoming the world's second largest battery producer", hija disponibbli bl-Ingliż fuq is-[sit web tal-QEA](#). Previżjonijiet ta' awditi huma bbażati fuq xogħol ta' tnejn li jsir qabel ma jinbeda awditu. Ma għandhomx jitqiesu bħala osservazzjonijiet, konklużjonijiet jew rakkomandazzjonijiet tal-awditjar. Ir-rapport huwa mistenni bejn wieħed u ieħor fi żmien sena.

### Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

- Damijan Fišer: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu) - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeois: [vincent.bourgeois@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeois@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 551 502